21 ta' Jannar, 1948.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Spiridione Xerri *versus* Salvatore Cini

**Rexissjoni — Żgumbrament — Ċitazzjoni.**

*F'kawża fejn jiġi mitlub l-iżgumbrament tal-persuna li qiegħda tokkupa fond bħala konsegwenza tar-rexissjoni ta' ftehim li bis-saħħa tiegħu dik il-persuna daħlet f'dak il-fond, hemm bżonn li qabel xejn jiġi rexiss dak il-ftehim. Jekk iċ-ċitazzjoni ma jkunx fiha d-domanda għar-rexissjoni tal-konvenzjoni qabel id-domanda ta' l-iżgumbrament, dik iċ-ċitazzjoni hija irritwali.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, wara li tkun premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun, billi l-konvenut kien joqgħod f'Joyce House, Spinola Road, San Ġiljain, u hu kien joqgħod 94, Zerafa Street, Marsa; billi l-kontendenti bidlu rispettivament dawn ir-residenzi u hu mar joqgħod Joyce House fuq imsemmija u l-kovenut 94, Zerafa Street, Marsa; billi hu għamel ilbidla għaliex il-konvenut qallu li hu kien informa lil Emilio Lombardi li huwa sid id-dar Spinola Road, mentri fil-fatt, meta l-attur mar għand is-sid fuq imsemmi, dana qallu li ma jridx jirrikonoxxih bħala inkwilin, billi huwa kien qal lill-konvenut illi meta joħroġ mill-imsemmi post Spinola Road jikkonsenjalu ċ-ċavetta u s-sid jagħtiha lil persuna oħra li diġà għandu kuntratt magħha; u billi hu b'ittra uffiċjali tal-15 ta' Novembru 1947, intima lill-konvenut biex jiżgombra mill-post 94 Zerafa Street, Marsa, billi l-imsemmi sid ma riedx jirrikonoxxieh bħala inkwilin, il-konvenut għar-raġunijiet fuq imsemmija, u talvolta għar-raġunijiet li jirriżultaw matul it-trattazzjoni tal-kawża, jiġi kundannat jiżgombra f'qasir żmien u perentorju mill-imsemmija dar 94 Zerafa Street, Marsa. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-imsemija ittra uffiċjali tal-15 ta' Novembru 1947;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-konvenut preliminarment eċċepixxa l-irritwalità ta' l-att taċ-ċitazzjoni, billi l-konvenut talab l-iżgumbrament bla ma talab li tiġi qabel xejn dikjarata nulla l-permuta tal-lokazzjonijiet tad-djar li bejniethom partu l-kontendenti;

Illi qabel xejn huwa utili li jingħad li mid-dikjarazzjoni ta' l-attur jidher li l-kontendenti bidlu d-djar fejn kienu rispettivament joqogħdu. L-attur jippretendi li l-konvenut kien assigurah qabel l-operazzjoni li l-proprjetarju tad-dar fejn l-istess mar, jew kellu jmur joqgħod, kien a konjizzjoni ta' dina l-operazzjoni u kien lest biex jirrikonoxxieh, imma wara l-bidla sab li dak li qallu l-konvenut ma kienx minnu. Fuq dawna l-allegazzjonijiet premessi fiċ-ċitazzjoni talab l-iżgumbrament tal-konvenut mid-dar li l-attur kien tah in kontrakkambju ta' dik riċevuta;

Illi m'hemmx bżonn jingħad illi sabiex l-attur ikun jista' jerġa' jottjeni l-post li partat irid tabilfors iwaqqa' dak il-ftehim, il-għaliex id-domanda prinċipali hija intrinsekament konnessa u neċessarjament marbuta ma' dik l-istess konvenzjoni, apparti l-fatt li proprjament id-domanda kellha tkun li kull wieħed mill-kompermutanti jerġa' jitqiegħed f'li "status quo ante"—dak li huwa wkoll skond il-liġi virtwalment, ma ntalabx korrettament;

Illi jekk huwa minnu, kif taħseb dina l-Qorti, li r-rexissjoni ta' dak il-ftehim kienet u hija neċessarja, u intrinsekament konnessa mat-talba, kif ma jiddubitax lanqas l-attur, l-istess kellha tippreċedi b'dikjarazzjoni "ad hoc" it-talba għall-iżgumbrament. Dana mhux il-każ ta' talba għall-iżgumbrament fejn ir-riżoluzzjoni hija impliċitament riżultanti mill-premessi, u, jekk ma tissemmiex, per ekwipollenza hija mdaħħla fl-istess żgumbrament, imma talba ta' invalidità minħabba ngann jew raġunijiet oħra, jew rexissjoni ta' konvenzjoni, fejn qatt ma tista' tkun impliċita fit-talba għall-iżgumbrament;

Illi mhux eżatt li dik id-dikjarazzjoni tista' tidħol taħt id-diċitura ordinarja u preparatorja ta' l-att taċ-ċitazzjoni, u ċjoè taħt il-kliem "premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun", kif sostna l-attur; għaliex in-neċessità tagħha bħala parti deċiżorja u definitiva tal-ġudizzju teskludi deċiżivament l-inklużjoni tagħha taħt dik il-formula ordinatorja. Del resto, in-natura tagħha in korrelazzjoni għat-talba hija biżżejjed biex turi l-ġustizzja u l-legalità ta' l-affermazzjoni li għamlet aktar 'il fuq dina l-istess Qorti;

Illi kwindi kien dmir l-attur jippremetti dika d-dikjarazzjoni "expressis";

Illi m'hemmx bżonn jingħad li l-lum dik l-inklużjoni ma tistax tiġi ammessa, il-għaliex b'hekk tkun sostanzjalment disturbata l-azzjoni;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari konvenuta, u konsegwentement tillibera "ab observantia" judicii" lill-konvenut. Bl-ispejjeż għall-attur.

---